KUNSILL LOKALI BORMLA

# Rapport Annwali Amministrattiv

2016

**Werrej**


| | *Pagna* |
|---|---|
| **Introduzzjoni mis-Sindku** | **2** |
| **Il-Kunsill Lokali** | **3** |
| **Il-Finanzi tal-Kunsill Lokali** | **6** |
| **Il-Hidma tal-Kunsill Lokali** | **9** |
| **L-iskeda tal-Varjazzjoni fid-dhul u fin-nefqa** | **13** |



THE REST, MISRAH SANTA MARGHERITA, BORMLA

## *1.0 L-Introduzzjoni tas-Sindku*

Minghajr ebda dubju, l-2016 kienet sena ferm important ghall-Kunsill Lokali ta' Bormla. Dan ghaliex wara li matul is-snin 2014 u 2015 il-Kunsill Lokali kien qieghed jippjana u jevalwa x-xogholijiet li kienet ix-xewqa taghna li nwettqu matul din is-seba' legislatura, fl-2016 bdejna naraw il-frott tal-ippjanar ghaqli li konna wettaqna.

Kif ser tkunu tistghu taraw f'aktar dettall f'dan l-istess rapport, matul l-2016, minbarra xoghol ta' manutenzjoni u xogholijiet ohra li l-Kunsill Lokali iwettaq fuq bazi regolari, matul l-2016 inbeda l-process sabiex il-Kunsill izid mal-lista' ta' servizzi li joffri lir-residenti Bormlizi bix-xiri ta' vetturi elettronici li ser ikunu qieghdin jintuzaw sabiex jigi pprovdut servizz ta' transport minghajr hlas lir-residenti.

Matul l-2016 hejjejna bazi sabiex fl-2017 inwettqu numru ta' inizjativi fil-qasam edukattiv. Wara assenza ta' numru ta' snin, matul l-2017 ser ikunu qieghdin jittellghu fil-binja tal-Kunsill Lokali korisijiet tal-kompjuter u ICT ghal tfal, Zghazagh u anzjani.

Fl-2016 inzammu numru ta' laqghat bil-ghan illi matul l-2017 niehdu azzjoni u nimplimentaw mizuri sabiex nippruvaw nindirizzaw il-problema ta' skart kemm domestiku kif ukoll goff li jinhareg u jintrema' f'diversi zoni tal-lokalita' b'mod abuziv. Matul l-imsemmija laqghat flimkien mal-Agenzija LESA, tfassal program li jhaddan fih l-aspetti tal-edukazzjoni u infurzar li ghandu jigi varat matul l-2017.

Konna attivi wkoll fil-qasam socjali bl-organizzazzjoni ta' numru ta' attivitajiet imferxxin ma' diversi zoni tal-lokalita' li ttellghu matul l-2016 ewlenin fosthom l-attivitajiet li ttellghu f'bacir numru 1.

Fil-qasam infrastrutturali, minbarra preparamenti sabiex matul l-2017 isiru xogholijiet minn fondi tal-Kunsill Lokali, matul l-2016 fuq pressjoni tal-Kunsill Lokali saru diversi xogholijiet mill-Gvern Centrali. Dan minbarra li matul l-istess perjodu kellna diskussjonijiet mal-istess Gvern Centrali bil-ghan illi matul l-2017 jitwettqu numru ta' inizjativi infrastrutturali ghall-gid tal-komunita' Bormliza.

L-2016 kienet sena li matulha l-lokalita' ta' Bormla esperjenzat wiehed mill-aktar investimenti importanti mis-settur privat li sar matul l-ahhar snin, bil-kumpanija Sadeen tinvesti sabiex bini mitluq biswit bacir numru 1 jigi mibdul f'universita'. B'dan l-investiment, mibarra l-aspett estetiku li ser ikun qieghed jigi mmeljorat fil-qalba tal-lokalita', il-Kunsill Lokali jemmen illi bl-influss ta' studenti minn kulturi differenti li l-istess istituzzjoni ser tkun qieghda tigbed lejn Bormla, ser ikun qieghed jigi espost il-wirt intangibbli li toffri l-lokalita'.

Nishaq ghaldastant illi s-sena 2016 kienet sena krucjali ghall-Kunsill Lokali ta' Bormla. Nemmen illi meta l-Kunsill Lokali gie elett fl-2013, inghata mir-residenti mandate sabiex jamministra u jahdem ghall-gid ta' Bormla sal-2019. Nittama illi l-komunita' tkun ghaqlija bizzejjed u filwaqt li tiehu nota ta' dak li jkun sar fuq bazi annwali, taghraf tevalwa hidmet il-Kunsill Lokali fi tmiem il-legislatura. Ninsab certa illi b'dak li ppjanajna, matul is-snin li gejjin f'Bormla ser isir titjib f'diversi oqsma li jolqtu direttament lic-cittadin

## *2.0 Il-Kunsill*

### 2.1 IL-KUNSILL

Bormla jew kif inħi magħrufa, il-Belt Cospicua, għandħa popolazzjoni ta' madwar 5,800. Għalhekk, skond il-liġi tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali ta' Bormla huwa kompost minn seba' Kunsillieri, b'Sindku u Viċi-Sindku eletti direttament mill-poplu.

Il-parti amministrattiva tal-Kunsill Lokali hija preżentement immexxija minn Segretarju Eżekuttiv, megħjun minn żewg Assistenti Uffijali Principali u Skrivan. Flimkien, l-amministrazzjoni tal-Kunsill tieħu ħsieb li tikkordina l-ħidma kollha tal-Kunsill Lokali, tikkontrolla l-finanzi u fuq kollox timplimenta d-deċizjonijiet kollha li jittieħdu mill-Kunsilliera fis-seduti tal-Kunsill.

Il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill Lokali, jiġi ffaċilitat bil-ħidma tas-Sotto Kumitati li jiġu maħtura mill-Kunsill Lokali. Ix-xogħol tas-Sotto Kumitati huwa li jiddiskutu u jressqu proposti għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill Lokali li mbagħad jiġu nklużi fil-pjan ta' ħidma tiegħu meta jkunu approvati fis-seduti.




### 2.2 RESPONSABILITAJIET TAL-KUNSILLIERA:

Hija prerogattiva tas-Sindku li kull Kunsillier elett jinghata responsabbilitajiet ta' setturi varji biex fihom kull Kunsillier jahdem biex il-programm elettorali u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' hidma tal-Kunsill ikun iffacilitat.

Ghal dan il-ghan, ir-responsabbilitajiet tal-Kunsilliera u tas-Sindku innifisha kif deciz mis-Sindku kienu dawn:

**Alison Zerafa Civelli – Sindku**

| | |
|---|---|
| *Responsabbli minn* : | Edukazzjoni, Infrastruttura, Relazzjonijiet mal-pubbliku u materji relatati mal-Unjoni Ewropeja, pagna *facebook*, relazzjonijiet mal-Gvern Centrali |

Tirrapprezenta lill-Kunsill Lokali fis-segwenti : Regjun Xlokk, Forum Komunita' Bormliza, Cottonera Rehabilitation Committee

**Ivan Agius – Vici-Sindku**
*Responsabbli minn* : Ordni Pubblika, Harsien tal-Ambjent, Immaniggjar tat-traffiku u kordinament bejn il-Kunsilliera

**Noyah Spiteri – Kunsilliera**
*Responsabbli minn*: Investiment, hwienet u kummerc

**Pablo Cachia Belli – Kunsillier**
*Responsabbli minn*: Sports, relazzjonijiet internazzjonali, turizmu u gemellaggi

**James Cauchi – Kunsiller**
Responsabbli minn : Drittijiet tal-annimali u persuni b'dizabilita'

**Alfred Attard – Kunsillier**
Responsabbli minn : Sahha, anzjani, publikazzjonijiet tal-Kunsill Lokali

**Roderick Mamo – Kunsillier**
Responsabbli minn : Zghazagh, kultura u ghaqdiet

## 2.3 ATTENDENZA GHAS-SEDUTI TAL-KUNSILL LOKALI

Bejn l-1 ta' Jannar 2016 u l-31 ta' Dicembru 2016 fis-seba' legislatura inżammu erbatax (14) il-laqgħa, u l-attendenza kienet hekk:

| | *Kunsillier* | *Laqghat* | *Prezenti* | *Assenti* | *Assenti b'gustifikazzjoni* | *Persentagg* |
|---|---|---|---|---|---|---|
| *1* | *Alison Zerafa Civelli* | **14** | **14** | **0** | **0** | **100%** |
| *2* | *Ivan Agius* | **14** | **13** | **0** | **1** | **93%** |
| *3* | *Noyah Spiteri* | **14** | **10** | **0** | **4** | **71%** |
| *4* | *Pablo Cachia Belli* | **14** | **11** | **0** | **3** | **79%** |
| *5* | *James Cauchi* | **14** | **11** | **0** | **3** | **79%** |
| *6* | *Alfred Attard* | **14** | **8** | **2** | **4** | **57%** |
| *7* | *Roderick Mamo* | **14** | **11** | **0** | **3** | **79%** |

* Il-Kunsillier Alfred Attard irrizenja mill-kariga matul Novembru 2016 u ghaldaqstant ma kienx mistieden jattendi ghall-ahhar zewg seduti tas-sena in-kwistjoni.

## 2.4 L-AMMINISTRAZZJONI TAL-KUNSILL:

L-Istaff kollu tal-Kunsill iwettaq b'ħidma kontinwa r-responsabbiltajiet kollha tal-Kunsill u huwa mpossibli li wieħed jelenka bid-dettalji kollha l-ħidma li jwettqu listaff tal-Kunsill. Ix-xogħol meħtieġ sabiex jirnexxu kemm il-laqgħat, kif ukoll kull xogħol ieħor tal-Kunsill f'Bormla, ħafna drabi jieħu ħafna xogħol moħbi, xogħol li jkun mibni, ppreparat u jitlesta

mill-impjegati tal-Kunsill. Ta' dan nirringrazzja l-ħidma bla waqfien li dejjem jagħtu l-impjegati kollha tal-Kunsill, ħafna drabi b'xogħol ukoll barra mill-ħin normali, u dan kollu jagħmel issuċċess kbir li l-Kunsill Bormla qed jikseb tul dawn is-snin tal-ħidma tiegħu

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill hija komposta kif ġej:

| | |
|---|---|
| Is-sur Joseph Caruana | Segretarju Eżekuttiv – Responsabbli mill-operat shih tal-Kunsill Lokali, amministrazzjoni, finanzi u riżorsi umani. |
| Is-sur Brian Loffreda | Assistent Uffiċjal Prinċipali – Responsabbli mill-amministrazzjoni u relazzjoni mal-klijenti |
| Is-sinjura Ramona Falzon Gatt | Assistent Ufficjal Principali – Responsabbli mill-book-keeping, relazzjonijiet mal-klijenti, cash office u xoghol ta' rutina fl-ufficcju |
| Is-sur Lydon Vella | Skrivan – Responsabbli għar-relazzjonijiet mal-klijenti u cash office |

*Matul din is-sena l-Ħaddiema ssekondati mal-Kunsill kienu:*

| | |
|---|---|
| Eugene Abela – | RSSL Ltd. |
| James Rizzo - | RSSL Ltd. |
| Martin Buhagiar – | DOL |
| Ivan Giardina - | DOL |
| Charles Lofreda - | DOL |
| Nazzareno Dalli - | DOL |
| Rita Camilleri - | DOL |
| Chilton Hili - | Skema CIES |

Il-Konsulenti li intuza mill-Kunsill Lokali matul l-2016 kienu

| | |
|---|---|
| Servizz Legali - | L-avukar Marc Simiana |
| Servizz Peritali - | Il-Perit William Lewis |
| Serizzi ta' Accountancy - | Nexia BT / Kevin Farrugia |

## *3.0 Il-Finanzi*

### 3.1 IL-FINANZI TAL-KUNSILL

**ID-DĦUL**

| | |
|---|---|
| L-Allokazzjoni annwali għas-sena 2016 kienet ta': | € 442,470 |
| Dhul supplimentari minghand il-Gvern (allokazzjoni ghall-Wasteserv) | 1,301 |
| Grants (amortisation) | 32,808 |
| Dhul iehor mill-Gvern | 15,644 |
| **Dħul minn Bye-Laws ta' € 9,699** | 9,699 |
| Permessi | |
| **Dħul minn Kontravvenzjonijiet ta' € 4,898** | |
| Id-Dħul minn kontravvenzjonijiet (imħallsa) | € 1,145 |
| Sentenced Cases - Accrued Income | (€1,145) |
| Kummissjonijiet | € 4,898 |
| Sponsorships | € - |
| Dhul mill-Kumitat Kongunt | €- |
| **Interessi ta' € 512** | |
| L-Interessi mill-Bank laħqu s-somma ta' | € 512 |
| **Id-Dħul minn attivitajiet oħra li jidħer taħt Dħul Ġenerali ta' € 15,276** | |
| Donazzjonijiet | € - |
| Kontribuzzjonijiet | € 14,568 |
| Tender Documents | € 550 |
| Reklamar fil-Gurnal tal-Kunsill | € 158 |
| **Id-Dħul totali għas-sena 2016 kien ta'** | **€ 522,908** |

**L-INFIQ**

**Is-Salarji, Onorarja u allowances b'total ta'**

**€ 123,950**

**Tiswijiet u manutenzjoni b'total ta' € 6,407**

| | |
|---|---|
| Toroq u bankini | € 1,150 |
| Patching | € 166 |
| *Office Furniture & Fittings* | € 46 |
| *Public Property* | € - |
| *Tabelli tat-Traffiku* | € 1,266 |
| *Tiswijiet ohra* | € 2,444 |
| *Council Property* | € 349 |
| Road Markings | € 986 |

**L-Ispejjeż għas-Servizzi b' Kuntratt laħħqu total ta' € 228,259**

| | |
|---|---|
| Gbir ta' Skart | € 91,319 |
| Gbir ta' Bulky Refuse | € 13,466 |
| Kiri u Tbattil ta' Skips | € 2,751 |
| Tipping Fees | € 29,889 |
| Servizzi addizzjonali ta' tindif | € 605 |
| Knis u Tindif ta' Toroq | € 25,309 |
| Tindif u Attendenza – Latrina Pubblika | € 4,483 |
| Tindif ta' l-Ufficcju | € 3,665 |
| *Tindif u Manutenzjoni ta' Soft Areas* | € 35,990 |
| Parks and Gardens | € 14,527 |
| Street Lighting | € 6,255 |

**Amministrazzjoni u spejjeż oħra € 114,594**

| | |
|---|---|
| Accountancy Services | 5,364 |
| Advertising | 657 |
| AGM | 69 |
| Amortisation – IT Development costs | 97 |
| Assets disposal | - |
| Bad Debts | 7566 |
| Bank Charges | 172 |
| *Battery Lease* | 378 |
| *Charge – electric vehicle* | 202 |
| Christmas Activities | 20,077 |
| *Cleaning Material* | 471 |
| *Comm. Equipment Rental* | 1,160 |
| *Comm telephone charges* | 265 |
| Course subsidies – local residents | 250 |
| Cultural Events | 120 |
| *Depreciation* | 47,176 |
| *Documentation* | 18 |
| *E-Govt and Web Space* | (24) |
| EU Organisation | 290 |
| Fuel | 995 |
| Hire of Transport | 201 |
| Insurance | 2,524 |
| Interreg IIIB – emed – IT | (179) |

| | |
|---|---|
| IT Development services | 1,076 |
| Jum il-Kunsill | 2,896 |
| Legal Services | (174) |
| Librarian Fees | 66 |
| Library Books | 515 |
| Bank Charges – LES | 11 |
| Maintenance of Vehicles | 1,935 |
| Motor Vehicle Licences | 329 |
| Operating Materials | 4,303 |
| Other Expenses | 198 |
| Other Hospitality Cost | 1,346 |
| Other support services | 177 |
| Overseas hospitality | 425 |
| *Subsistence* | 739 |
| *Overseas Tickets* | 1,497 |
| *Participation Fees – Meetings* | 628 |
| *Photocopy Paper* | 149 |
| *Photocopier Service* | 1,065 |
| *Postage* | 217 |
| *Printing* | 478 |
| *Provision for Bad Debts* | (8,746) |
| *Public Relations Expenses* | 1,081 |
| *Publications and newsletters* | 4,137 |
| *Reimbursements to Council Staff* | 81 |
| *Rent* | 2,261 |
| *Spare Parts* | 24 |
| *Sports Events* | (80) |
| *Stationery* | 706 |
| *Summons Expenses* | 111 |
| *Sundry minor expenses* | 3,229 |
| *TV licence* | (446) |
| *Uniforms* | 143 |
| *Water and electricity* | 6,368 |

**Totali** **Euro 473,210**

## *4.0 Il-Ħidma tal-Kunsill*

### 4.1 Rapport ta' Hidma

*Manutenzjoni, tabelli tat-traffiku, road markings*

Permezz tal-ħaddiema assenjati mir-Reġjun Xlokk, ġie maħdum u nstallat **poġġaman** matul Triq Abram Gatt kollha. Ġew installati **removable bollards** f'numru ta' toroq, flimkien ma' installazzjoni ta' għadd ta' **U Channels** f'diversi nħawi. Permezz tal-haddiema assenjati sar ukoll xogħol kontinwu ta' **Road markings**

*Infrastruttura*

Saret talba sabiex il-Ministeru għat-Trasport u Infrastruttura jibdel il-**bankini ta' Triq San Pawl.** Gie konkluz ix-xoghol ta' restawr u pavimentar biż-żonqor fi **Triq Matty Grima, Triq Dwardu u Triq Guliermu** b'finanzjament mill-Urban Improvement Fund. Ingħata wiċċ ġdid tal-konkos f'**Sur Santa Liena**. Inbeda l-proċess ta' bdil ta' mejnijiet tal-ilma biex isir pavimentar ġdid fi **Sqaq Santa Liena.** Sar xogħol ta' restawr ta' ħajt bejn **Triq Alessandra u Triq l-Oratorju,** ġiet eliminata s-sistema tal-kolonnar u railing li kienu perikoluzi u minflok sar poġġaman ġdid u fanali ġodda. Sar xogħol ta' restawr ta' ħajt fi **Triq Rikkardu Taylor**, poġġaman ġdid u fanali ornamentali ġodda.

*Indafa Pubblika*

Sal-lum għad m'għandnix 'data' dwar l-ammont ta' skart riċiklabli li nġabar mil-lokalita' fl-2016. Madanakollu jidher li l-ammont jeċċedi dak miġbur fl-2015 li kien jammonta ghal 135 tunellata.Il-proġett pilota tal-ġbir tal-iskart organiku kompla ħalla l-impatt tiegħu fuq l-indafa pubblika fil-lokalita.

*Relazzjonijiet Pubbliċi*

Ġew ippubblikati 3 issues tal-**pubblikazzjoni tal-Kunsill Lokali bl-isem 'Beltna Bormla'**. Aġġornament regolari tal-paġna uffiċjali tal-Kunsill fuq **Facebook** li permezz taghha il-Kunsill Lokali jzomm aggornat dwar hidmietu lil kull min izurha. **Live Streaming** tas-Seduti tal-Kunsill Lokali hekk kif legalment stabbilit

*Street Lighting*

Ġew installati numru ta' bozoz ġodda fosthom fi **Triq Polverista, Triq l-Immakulata u 2 fi Sqaq it-Torri.** Manutenzjoni regolari ta' lampi fit-toroq

*Attivitajiet*

Ġiet organizzata l-attivita' **Jum Bormla 2016** fejn ġie preżentat ukoll l-unur 'Ġieh Bormla 2015' lis-Sur Rennie Zerafa tal-Fondazzjoni Puttinu Cares. Matul din l-attivita ingħataw rikonoxximent ukoll lill-Kor Tota Pulchra fl-okkażjoni tal-50 anniversarju mit-twaqqif tiegħu, Kummissjoni Gimgha Kbira ta' Bormla, is-Sur Alfred Attard u l-ex Arċipriet ta' Bormla Fr. Rueben Micallef. **Christmas by the Dock 2016**. **Mixgħela tat-toroq** fi żmien il-Milied. Flimkien maċ-Ċentru 19 ta' Novembru 1944, il-Kunsill organizza **Festival Bruschetta**. Ġiet organizzata **Canoe-Polo Internazzjonali** fil-Baċir Nru. 1 Għat-tielet darba, il-Baċir Nru. 1 gie magħżul biex ittellgħet fih il-**Valletta Boat Show**

*Edukazzjoni*

Ġew offruti **korsijiet tal-ICT** għall-beginners kif ukoll tal-ECDL.

*Oħrajn*

Konna attivi ħafna f'laqgħat tal-**Forum tal-Komunita' Bormliża**. **European Mobility Week:** Il-Kunsill Lokali offra servizz ta' trasport nadif minghajr hlas minn kull parti ta' Bormla sac-centru wara li l-proposta taghna kienet fost ir-rebbieha. Xiri ta' vetturi tal-elettriku biex apparti li nipromwovu l-ħtieġa li jitnaqqas it-tniġġis tal-arja, ikun introdott servizz ta' transport on demand għall-anzjani ta' Bormla minn u lejn iċ-Ċentru ta' Bormla. Dan is-servizz ma ġiex introdott fl-2016 iżda ser ikun introdott kmieni fl-2017. Wara li l-Kunsill Lokali ta' Bormla ġie magħżul fil-proġett **'Green Urban Areas'** u ingħata fondi bl-ammont ta' Euro 30,000, gew imħawla għadd kbir ta' pjanti, xitel u fjuri fil-ġonna ta' Bormla kif ukoll tpoġġew numru kbir ta' pots bis-siġar f'numru ta' toroq.

*Ilmenti*

Il-Kunsill Lokali jirregistra l-ilmenti li jidhlu minghand ir-residenti u individwi li javvicinaw lill-Kunsill Lokali. Minkejja li kif imtenni jezisti registru, f'sena kalendarja jidhlu mijiet ta' ilmenti ohra li ma jigux registrati ghaliex tittiehed azzjoni dwarhom b'mod immedjat. Is-Segwenti hija gabra ta' ilmenti kklassifikati hekk kif gew irregistrati matul l-2016

| | |
|---|---|
| Accessibilita | 1 |
| Talbiet ghal bollards | 1 |
| Bus shelters | 3 |
| Tindif | 2 |
| Annimali mejta | 3 |
| Derelict Vehicles | 5 |

| | |
|---|---|
| Bacir Numru 1 | 2 |
| Drenagg | 7 |
| Infurzar | 31 |
| Ambjent | 3 |
| Direttorat tas-Sahha | 6 |
| Kaptelli | 3 |
| Knis | 25 |
| Littering | 10 |
| Un/Loading | 2 |
| Noise Pollution | 2 |
| Patching | 16 |
| Playing Fields | 6 |
| Latrini Pubblici | 2 |
| Zbir ta' sigar | 7 |
| Talbiet ghal railings | 2 |
| Repairs & Maintenance | 71 |
| Infestazzjoni ta' grieden | 7 |
| Gbira ta' Skart | 31 |
| Reserved parking | 2 |
| Sinjali tat-toroq | 8 |
| Open-Skips (Talbiet) | 1 |
| Soft Areas | 3 |
| Street Lighting | 5 |
| Tabelli | 3 |
| Tismija ta' toroq | 2 |
| Knis | 75 |
| U-Channela | 7 |
| WSC | 10 |
| Waste Water | 7 |
| *TOTAL* | *370* |

Il-ħidma fuq dawn l-ilmenti tokkupa regolarment lill-impjegati tal-Kunsill fuq bazi kwotidjana. Dawn minbarra li janalizzaw il-problemi, jiddiskutuhom mas-SegretarjuEżekuttiv għall-azzjoni li għandha tittieħed u jibdew proċeduri ta' verifika ta' dawn l-ilmenti, li uħud minnhom ma jkunux verifikabbli, jaraw ukoll li jinfurmaw liddipartimenti, jew kuntratturi u persuni responsabbli fejn dawn l-ilmenti jiġu solvuti għas-sodisfazzjon tar-residenti. Ħafna drabi, iżda jinħela ħafna żmien prezzjuż għaliex l-ilment ikun nieqes minn informazzjoni korretta, jew l-ilment/rapport ma jkunx korrett, u minħabba l-fatt li l-Kunsill m'għandux sistema u mezzi sabiex jivverifika mmedjatament

l-istess ilmenti li jidħlu. Fil-Kunsill ma jeżistix dak ix-'xi ħadd' li jista' jitqabbad jagħmel dan ix-xogħol! U għalhekk bilfors ikun hemm dewmien qabel ma jkun ivverifikat lilment, minbarra li kull xogħol jieħu ż-żmien tiegħu sabiex jitlesta, minħabba lproċeduri kollha li jridu jkunu eżegwiti, kif ukoll tal-finanzi disponibbli.

## 4.2 KONKLUZJONI

Din hija fil-qosor il-ħidma tal-Kunsill ta' Bormla għas-sena 2016. Ta' min jinnota li matul is-sena, saru ħafna u ħafna aktar interventi u xogħolijiet mill-impjegati tal-Kunsill u mis-Segretarju Eżekuttiv li ma nkludejthomx f'dan irrapport. Dan kollu għen sabiex il-Kunsill jagħti l-aħjar servizz, għaliex l-għan tal-Kunsill huwa li jagħti l-aqwa servizz lir-residenti, u dan ġie applikat u mħaddem b'mod mill-aktar konsistenti, u se jibqa' jitħaddem bl-aħjar mod 'l quddiem.

IFFIRMAT

_______________
Duncan Hall
Segretarju Ezekuttiv

## 5.0 *Statement of income and expenditure (Siltiet mill-Annual Audit Report)*

**Statement of Income and Expenditure**

| | 2016 € | 2015 € |
|---|---|---|
| **Income** | | |
| Funds received from Central Government | 492,523 | 448,770 |
| Income raised under Council Bye-Law | 9,699 | 7,598 |
| Income raised under Local Enforcement System | 4,898 | 9,208 |
| Investment Income | 512 | 507 |
| General Income | 15,276 | 2,253 |
| | **522,908** | **468,336** |
| **Expenditure** | | |
| Personal Emoluments | 123,950 | 119,969 |
| Operations and maintenance | 234,666 | 222,965 |
| Administration and other Expenditure | 114,594 | 106,906 |
| | **473,210** | **449,840** |
| **Surplus / (Deficit) for the year** | **49,698** | **18,496** |

**Kunsill Lokali Bormla** **Rapport Annwali Amministrattiv 2016**

## *5.0 Statement of Affairs (*Siltiet mill-*Annual Audit Report)*

### Statement of Affairs

| | 2016 | 2015 |
|---|---|---|
| | € | € |
| **ASSETS** | | |
| **Non-Current Assets** | | |
| Property, plant and equipment | 347,618 | 355,269 |
| Intangible assets | 0 | 97 |
| **Current Assets** | | |
| Trade and other receivables | 56,968 | 30,649 |
| Cash and bank balances | 193,136 | 132,812 |
| **Total Assets** | **597,722** | **518,827** |
| **RESERVES AND LIABILITIES** | | |
| Retained Earnings | 373,772 | 324,074 |
| Total Equity | 373,772 | 324,074 |
| **Non Current Liabilities** | | |
| Deferred income | 142,692 | 78,550 |
| **Current Liabilities** | | |
| Overdrawn Bank Balance | 12,156 | 11,561 |
| Payables | 69,102 | 104,642 |
| **Total Current Liabilities** | **81,258** | **116,203** |
| **Total Liabilities** | 223,950 | 194,753 |
| **Total Reserves and liabilities** | **597,722** | **518,827** |